7 ta' Diċembru, 1953

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Mary Gulia *versus* Stella Sant Fournier ne et.

**Retratt — Rivendizzjoni — Kjamata fil-Kawża — Protest Lawdatorju — Spejjeż Ġudizzjarji — Likwidazzjoni ta' l-Ispejjeż Leġittimi.**

*Għalkemm ir-retraent, f'kawża li jagħmel biex issirlu r-rivendizzjoni tal-fond minnu rkuprat, ma jitlobx dikjarazzjoni fis-sens li r-retratt minnu eżerċitat huwa validu skond il-liġi, dik id-dikjarazzjoni, skond il-ġurisprudenza reċenti, għandha tiftiehem virtwalment kompriża fit-talba tar-rivendizzjoni.*

*Għalkemm il-likwidazzjoni ta' l-ispejjeż leġittimi dovuti lir-retrattarju ma tiġix sostanzjata fil-kawża, dana ma jipprekludix li ssir ir-rivendizzjoni mitluba; iżda dejjem wara li tkun saret dik il-likwidazzjoni u jkunu tħallsu dawk l-ispejjeż.*

*Min jeżerċita l-irkupru jista' jeżerċitah kontra x-xerrej oriġinarju u kontra t-terz possessur, meta l-fond irkuprat ikun ġie trasferit mix-xerrej lil persuna oħra; u dan avvolja r-retraent kien jaf li x-xerrej ittrasferixxa l-fond lit-terz possessur; purkè dan it-trasferiment ma jkunx ġie lilu notifikat b'att ġudizzjarju. Iżda l-preżenza tat-terz possessur hija neċessarja fil-kawża, billi ħadd ħlief u ma jista' jiġi kundannat jagħmel ir-rivendizzjoni mitluba fl-att taċ-ċitazzjoni.*

*Imma jekk it-terz possessur isib ruħu ko-involt fil-kawża għax ma ġiex avżat mix-xerrej oriġinarju bl-irkupru eżerċitat kontra tie-*

*għu jew bl-interpellazzjoni li tkun saritlu biex jagħmel ir-rivendizzjoni, b'mod li t-terz possessur ma kellux l-opportunità li jeżamina preventivament il-pożizzjoni tiegħu u eventwalment jadderixxi qabel il-kawża għar-rivendizzjoni, huwa ma jidhirx li għandu jiġi kundannat iħallas l-ispejjeż ġudizzjarji, jekk jagħti xi eċċezzjonijiet fil-kawża li jirriżultaw ġustifikati, u ma jipprovokax spejjeż żejda.*

*Imma jekk dak it-terz possessur jitlob is-sejħa fil-kawża ta' xi persuna li ggarantietlu l-bejgħ li sarlu, u dik il-kjamata fil-kawża tkun inutili, għax protest lawdatorju kien biżżejjed, l-ispejjeż tal-kjamat fil-kawża għandu jbatihom it-terz possessur.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-attriċi, peress illi b'ċedola nru. 65 tat-23 ta' Mejju 1951, l-attriċi kienet eżerċitat id-dritt ta' rkupru mill-bejgħ li kien sar fl-atti tan-Nutar Joseph Sammut tas-27 ta' Mejju 1950, ta' sbatax minn tmintax-il parti ndiviża, billi r-rimanenti parti ndiviża tmiss lill-attriċi, tad-drittijiet kollha reali u personali fuq il-għalqa f'Għawdex, denominata "ta' l-Imtieħen", fil-limiti tal-Għarb, kuntrada "ta' l-Imtieħen", tal-kejl superfiċjali ta' ħamest itmien tliet sigħan u żewġ kejjliet, u li tmiss *mit-tramuntana mal-wied ta' Basqu, mill-lvant* ma' raba' tal-Knisja Kattidrali ta' Għawdex, min-nofs inhar ma' raba' ta' Marija Camilleri, u mill-punent mal-Wied ta' l-Imtieħen, libera u franka, bil-prezz ta' £165. 5. 6 (dok. A); u peress illi l-attriċi rkuprat bit-titoli ta' konsorzju u ta' konsangwineità, u titoli ohra validi fil-liġi u lilha kompetenti; u peress illi l-konvenuta nomine ma ġietx għar-rivendizzjoni, non ostanti li ġiet interpellata uffiċjalment; premessi d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa, u speċjalment dik li l-irkupru *eżerċitat mill-attriċi* huwa *validu*, u *l-provvedimenti* kollha xierqa, prevja l-likwidazzjoni ta' l-ispejjeż leġittimi u neċessarji dovuti lill-konvenuta nomine u magħmula minn dina jew mill-awtriċi tagħha, talbet li l-konvenuta nomine, għar-raġunijiet fuq imsemmija, tiġi kundnnata tagħmel favur l-istanti r-rivendizzjoni tal-porzjoni tal-għalqa msemmija "ta' l-Imtieħen", limiti Għarb, Għawdex, fi żmien qasir u perentorju li għandu jiġi prefiss; u fin-nuqqas, li s-sentenza li tiġi hekk mogħtija tagħmel il-veċi ta' l-istess rivendizzjoni. Bl-ispejjeż.

flimkien ma' dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-16 ta' Lulju 1951, kontra l-konvenuta nomine, li għandha tibqa' mħarrka għas-subizzjoni; salva kull azzjoni kompetenti lill-attriċi;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Stella Sant Fournier, bħala kuratriċi tal-wirt battal ta' Teresa ġà mart Giuseppe Borg, li biha eċċepiet li l-fond jinsab mibjugħ lil Luigi Grima "ta' Ratlejn", li joqgħod Għawdex, u għalhekk, bla preġudizzju, huwa neċessarju li jiġi msejjaħ fil-kawża; fil-meritu, imbagħad, ammettiet id-domanda, u talbet xahar żmien biex tipprepara l-kontijiet ta' l-ispejjeż leġittimi rifondibili lilha mill-attriċi;

*Omissis;*

Rat id-digriet tal-21 ta' Ġunju 1953, li bih l-imsemmi Luigi Grima ġie msejjaħ fil-kawża;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-imsemmi Luigi Grima (fol. 15), li biha ssottometta li b'kuntratt għand in-Nutar Dr. Giuseppe Sammut tas-16, recte 17, ta' Diċembru 1950, huwa xtara l-fond intier deskritt fiċ-ċitazzjoni, u n-Nobbli Edgar Sant Fournier obliga ruħu li jirrilevah minn kwalunkwe dannu li jista' jsofri fl-okkażjoni u bħala konsegwenza ta' l-imsemmi bejgħ, u dana b'kirografu ta' l-istess data; u għalhekk l-istess Sant Fournier għandu jiġi msejjaħ fil-kawża; u subrdinatament eċċepixxa..............;

Rat id-digriet tal-31 ta' Jannar 1953, li bih ġie msejjaħ fil-kawża l-imsemmi Nobbli Edgar Sant Fournier;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-istess Nobbli Edgar Sant Fournier (fol. 22), li biha ssottometta :— (1) Li l-kjamata tiegħu fil-kawża ma kienetx meħtieġa għall-kompletament tal-ġudizzju, għaliex huwa ma jista' qatt jiġi kundannat jirrivendi l-fond possedut minn Luigi Grima — liema rivendizzjoni tifforma l-meritu ta' dina l-kawża; (2) li dik il-kjamata in kawża lanqas kienet meħtieġa għad-difiża ta' Luigi Grima, għaliex għal dan l-oġġett kien ikun suffiċjenti protest lawdatorju; u dana sar fil-11 ta' Diċembru 1952; (3) illi f'dina l-kawża ma jistgħux jiġu dibattuti, u wisq anqas riżoluti, il-kwistjonijiet eventwali li joħorġu mill-kitba privata tas-16 ta' Diċembru 1950, eżibita mill-imsemmi Grima, tant għaliex dik l-iskrittura ma tiffurmax meritu ta' dina l-kawża......;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fis-26 ta' Ġunju 1953, li biha ġiet milqugħa t-talba ta' l-attriċi, billi l-imsejjaħ fil-kawża Luigi Grima ġie kundannat jagħmel ir-rivendizzjoni tal-fond irkuprat favur l-attriċi fi żmien ħmistax-il ġurnata............ u ordnat li l-ispejjeż kollha jitħallsu mill-imsejjaħ fil-kawża Luigi Grima, barra dawk tal-konvenuta Stella Sant Fournier nomine u ta' Edgar Sant Fournier, li għandhom jitħallsu minnhom stess; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi b'kuntratt pubblikat min-Nutar Dr. Giuseppe Sammut fis-27 ta' Mejju 1950, l-imsemmija Teresa Borg xtrat minn għand l-imsemmi Nobbli Edgar Sant Fournier u oħrajn sbatax minn tmintax (17/18) il-porzjoni ndiviżi mill-għalqa deskritta fiċ-ċitazzjoni , li tagħha l-porzjoni rimanenti tappartjeni lill-attriċi; u dana bil-prezz ta' £165. 5. 6. B'kuntratt tas-17 ta' Diċembru 1950, publikat mill-istess Nutar (fol. 25), l-imsemmija Teresa Borg biegħet lil Luigi Grima, imsejjaħ fil-kawża, il-għalqa fuq riferita fl-interezza tagħha, bil-prezz ta' £250. B'ċedola tat-23 ta' Mejju 1951 (fol. 5) l-attriċi rkuprat bit-titoli tal-konsorzju u tal-konsangwineità l-porzjon indiviż ta' 17/18 minn din l-għalqa kif trasferita lil Teresa Borg, bil-kuntratt fuq imsemmi tas-27 ta' Mejju 1950, u ddepożitat il-prezz ta' £165. 5. 6 u l-imgħax legali sal-ġurnata tad-depożitu.............. Mhux kontestat li fis-16 ta' Lulju 1951 il-konvenuta Stella Sant Fournier, għall-wirt ta' Teresa Borg, ġiet uffiċjalment interpellata tersaq għar-rivendizzjoni, iżda ta' xejn; u għalhekk saret din il-kawża;

Illi l-konvenuta Stella Sant Fournier spiċċat biex irtirat l-eċċezzjonijiet kollha tagħha, u kellha tipprepara l-kontijiet ta' l-ispejjeż rifondibili mill-attriċi — ħaġa li sal-lum għadha ma saretx; u għalhekk il-Qorti sejra tagħti l-provvediment infraskritt;

Illi l-imsejjaħ fil-kawża Luigi Grima jippretendi li mhux tenut jagħmel ir-rivendizzjoni (a) għaliex Teresa Borg biegħetlu l-għalqa sħiħa, mentri hija kienet tippossjedi minnha 17/18 biss, u (b) għaliex huwa mhux tenut li jersaq għar-rivendizzjoni qabel ma jkun fi grad li jikkonsegwixxi s-somom indi-

kati fl-art. 1503 tal-Kodiċi Ċivili;

Kwantu għall-ewwel obbjezzjoni, għandu jiġi rilevat li l-attriċi qiegħda teżerċita l-irkupru fuq il-bażi tal-bejgħ li sar lil Teresa Borg, u mhux fuq dak li din għamlet lilu. Għalhekk ir-rapporti li talvolta jista' jkun hemm bejnu u Teresa Borg ma jistgħux jinteressaw lill-attriċi, u joħorġu mill-ambitu ta' dina l-kawża;

Kwantu għat-tieni obbjezzjoni, skond l-art. 1493 (Kodiċi Ċivili), "ir-retraent għandu jħallas lir-retrattarju l-prezz tal-bejgħ li jkun ta lok għall-irkupru, u kull spiża leġittima oħra li jkun għamel ix-xerrej f'dak il-bejgħ, kif ukoll l-ispejjeż kollha meħtieġa u utili magħmulin fil-ħaġa mix-xerrej innifsu, jew minn kull possessur ieħor............."; u l-art. 1503, ċitat mill-imsemmi Grima, jagħmel riferenza għall-art. 1493 fuq riprodott. Del resto, l-irkupru jġib miegħu r-riżoluzzjoni tal-bejgħ rigward il-persuna li fil-konfront tagħha jiġi eżerċitat (art. 1490 Kod. ċit.), u r-retraent jissubentra fid-drittijiet u l-obligi tar-retrattarju, u jitqies bħal kieku kien ix-xerrej "ab initio". Dan iwassal għall-konklużjoni li l-attriċi, bl-irkupru minnha eżerċitat, tidħol fil-pożizzjoni tal-kumpratriċi oriġinarja Teresa Borg, mingħajr ma jinteressaha t-trasferiment li dina Borg għamlet favur l-imsemmi Grima;

Illi n-Nobbli Edgar Sant Fournier jippretendi li huwa ma kellux jiġi msejjaħ fil-kawża, billi hu ma jista' qatt jiġi kundannat jagħmel ir-rivendizzjoni mitluba. Dana, però, ma hux ġuridikament eżatt, u mhux konformi għall-iskop li għalih jingħata l-intervent fil-kawża. Kif spjegat maġistralment il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża "Stepton vs Spiteri", deċiża fit-23 ta' Novembru 1898 :— "Sebbene secondo l'articolo 979 (Proc. Civ.) il terzo chiamato in causa è considerato come qualunque altro convenuto, e quindi può essere condannato o liberato, tuttavia da ciò non segue che con quella espressione siasi voluto limitare la chiamata di alcune persone soltanto, cioè di quei terzi solamente che possono essere liberati o condannati; come lo indicano le parole dell'articolo suddetto — 'potrà' il terzo, secondo le circostanze, essere liberato o condannato'; giacchè la facoltà che si concede alla Corte di liberare o condannare il chiamato in causa............. non esclude che esso

non possa essere chiamato per trarre altri vantaggi ivi contemplati; anzi dal contesto dell'intera disposizione di quella legge sorge chiaro il concetto che vi è compreso anche quel terzo che, sostenendo le ragioni, sia dell'attore sia del convenuto, ed alle volte pure i propri diritti in confronto sì dell'uno che dell'altro, provoca una decisione entro i limiti dell'azione intentata, la quale stabilisce certi fatti e certi diritti, sieno favorevoli sieno contrari a lui stesso, senza essere liberato o condannato'' (Kollez. Vol. XVI—I—117). F'dan is-sens ukoll issentenza mogħtija mill-istess Qorti (Kollez. XXXII—I—272);

Illi, fid-dawl ta' din l-interpretazzjoni, in-Nobbli Edgar Sant Fournier għandu interess ikun fil-kawża, biex jara jekk, u talvolta safejn tasal il-garanzija li hu għamel favur Luigi Grima bl-iskrittura fuq riferita, u għall-bżonn jiddefendieh bi kwalunkwe mezz, anki fil-meritu, purkè jeħles mill-konsegwenzi ta' dik ir-rilevanza;

Illi ebda kontestazzjoni ma ġiet sollevata rigward it-titoli ta' rkupru akkampati mill-attriċi; anzi l-konvenuta Stella Sant Fournier......... irtirat dik l-oppożizzjoni b'nota fol. 11;

Illi, għad li l-attriċi ma talbetx li l-irkupru tagħha jiġi dikjarat validu skond il-liġi, dina d-dikjarazzjoni, skond il-ġurisprudenza l-aktar reċenti, għandha tiftiehem virtwalment kompriża fit-talba għar-rivendizzjoni (Kollez. XXIX—II—893);

Illi, għalkemm il-likwidazzjoni ta' l-ispejjeż leġittimi dovuti lir-retrattarju, premessa fiċ-ċitazzjoni, ma ġietx sostanzjata, dana ma jippreKludix li ssir ir-rivendizzjoni mitluba, iżda dejjem wara li jkun ġie adempit il-provvediment hawn taħt ordnat;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-imsejjaħ fil-kawża Luigi Grima, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata f'dik il-parti li kkundannat lilu jħallas l-ispejjeż kollha, barra dawk ta' Stella Sant Fournier, billi jiġi deċiż li l-imsemmi Grima ma għandu jħallas ebda tanġenti mill-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat ir-risposta tan-Nobbli Edgar Sant Fournier, li appel-

la inċidentalment u talab li, in kwantu l-appell prinċipali jinsab rivolt kontra tiegħu, jiġi respint bl-ispejjeż, u li s-sentenza appellata tiġi riformata billi tiġi revokata in kwantu huwa ġie kundannat iħallas l-ispejjeż proprji, u jiġi deċiż li dawn l-ispejjeż iħallashom l-appellant Grima;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fuq l-appell prinċipali ta' l-imsejjaħ fil-kawża Luigi Grima;

Illi l-bejgħ li ta lok għall-irkupru msemmi fl-att taċ-ċitazzjoni sar għand in-Nutar Dr. Giuseppe Sammut fis-27 ta' Mejju 1950.......... B'ċedola tat-23 ta' Mejju 1951 (fol. 8) l-attriċi eżerċitat l-irkupru tas-17/18 ta' l-imsemmi fond, billi, kif ingħad fl-istess ċedola, il-1/18 l-ieħor kien tagħha; u l-eżerċizzju ta' dak id-dritt sar kontra l-eredità ġjaċenti ta' l-imsemmija Teresa Borg, non ostanti li l-fond kien ilu ħames xhur li kien ġie trasferit minnha lill-imsejjaħ fil-kawża Luigi Grima. B'ittra uffiċjali tas-16 ta' Lulju 1951 l-imsemmija eredità ġjaċenti, rappreżentata mill-konvenuta Stella Sant Fournier, li fil-fatt kienet l-eredi ta' Teresa Borg, ġiet interpellata għar-rivendizzjoni, iżda bla suċċess; u għalhekk ġiet promossa din il-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi min jeżerċita r-retratt jista' jeżerċitah kontra x-xerrej oriġinali u kontra t-terz possessur flimkien, avvolja kien jaf li x-xerrej ittrasferixxa l-fond lit-terz possessur, jekk it-trasferiment ma ġiex lilu notifikat b'att ġudizzjarju; iżda l-preżenza ta' l-appellant Grima kienet neċessarja fil-kawża, billi ħadd ħliefu ma jista' jagħmel ir-rivendizzjoni mitluba bl-att taċ-ċitazzjoni. Fil-każ in eżami, il-konvenuta Stella Sant Fournier mhux biss ma għarrfetx, la b'att ġudizzjarju u lanqas b'mod ieħor, lill-appellant Grima bl-irkupru li ġie kontra tagħha eżerċitat, iżda lanqas għarrfitu bl-interpellazzjoni uffiċjali diretta għar-rivendizzjoni. Gara, għalhekk, li Grima sab ruħu ko-involt u parti f'din il-kawża mingħajr ma kellu l-opportunità li jqis preventivament il-pożizzjoni tiegħu, u eventwalment jirregola r-rapporti tiegħu mal-konvenuti Edgardo Sant Fournier u ma' l-attriċi Mary Gulia fl-intervall bejn id-data ta' l-irkupru, 23 ta' Mejju 1951, u dik tal-preżentata ta'

din iċ-ċitazzjoni, 7 ta' April 1952;

Illi meta l-appellant Luigi Grima sab ruħu, mingħajr ma kien jaf kif, traxxinat f'din il-kawża, huwa ġieb 'il quddiem żewġ eċċezzjonijiet. L-ewwel waħda, li huwa, bil-kuntratt in atti Sammut tas-17 ta' Diċembru 1950, kien xtara l-fond kollu, u li b'kirografu ta' l-istess data Edgardo Sant Fournier obliga ruħu li jirrilevah minn kwalunkwe dannu li seta' jiġi jsofri bħala konsegwenza ta' l-istess beigħ; u l-oħra li, skond iddispożizzjoni ta' l-art. 1503 tal-Kodiċi Ċivili, huwa mhux tenut jersaq għar-rivendizzjoni qabel ma jikkonsegwixxi s-somom indikati f'dak l-artikolu tal-liġi. Dawk iż-żewġ eċċezzjonijiet jirriżultaw bażati, tant li t-tieni waħda ġiet imqiegħda bħala kondizzjoni tar-rivendizzjoni mitluba fis-sentenza appellata, u l-ewwel waħda tirriżulta mid-dokumenti eżibiti fil-fol. 17 u 25 tal-proċess;

Illi, in bażi għal dak li ntqal fuq, ma jidherx li l-appellant Grima bl-aġir tiegħu pprovoka xi spejjeż żejda f'din il-kawża Huwa ma għamelx ħaġ'oħra ħlief issottometta r-raġunijiet tiegħu, li, kif ingħad fuq, irriżultaw ġustifikati. Għaldaqshekk ma jidherx li huwa kellu jiġi kundannat iħallas l-ispejjeż li ġew fuqu mixħuta bis-sentenza appellata. Dawk l-ispejjeż messhom ġew akkollati lill-konvenuta Stella Sant Fournier, li naqset li tinforma, kif kien imissha, lill-appellant Grima b'dak l-irkupru kontra tagħha eżerċitat u bl-interpellazzjoni għar-rivendizzjoni kontra tagħha diretta. B'dan l-aġir tagħha l-imsemmija Sant Fournier kienet kaġun li l-appellant Grima, kif ingħad fuq, sab ruħu, mingħajr ma jaf kif, ko-involt f'din il-kawża mingħajr ma kellu l-opportunità li jikkunsidra preventivament il-pożizzjoni tiegħu, u eventwalment jaderixxi qabel il-kawża għar-rivendizzjoni bil-kondizzjoni mposta fis-sentenza appellata;

Ikkunsidrat, fuq l-appell inċidentali tan-Nobbli Edgardo Sant Fournier;

Illi huwa ġie msejjaħ fil-kawża fuq talba ta' l-appellant Luigi Grima (fol. 21), u l-kjamata fil-kawża tiegħu ma kienetx neċessarja għall-kompletament tal-ġudizzju; billi ma kellu ebda interess dirett fil-kawża; u l-interessi ta' Grima, kwantu għad-difiża minnu pretiża in bażi għad-dokument fil-

fol. 17 tal-proċess, kienu suffiċjentement kawtelati bil-protest lawdatorju (fol. 24) dirett lill-istess Sant Fournier fil-11 ta' Diċembru 1952, jiġifieri qabel ma ġiet mitluba s-sejħa tiegħu fil-kawża. Għalhekk l-appell inċidentali jisthoqqlu jiġi miċqugħ;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tilqa' l-appell prinċipali ta' l-imsejjaħ fil-kawża Luigi Grima, billi tordna li l-ispejjeż kollha li huwa ġie kundannat iħallas bis-sentenza appellata jitħallsu mill-konvenuta Stella Sant Fournier; bl-ispejjeż kontra l-istess Stella Sant Fournier;

U tilqa' l-appell inċidentali tan-Nobbli Edgar Sant Fournier, billi tordna li l-ispejjeż li huwa ġie kundannat iħallas bis-sentenza appellata jiġu mħallsa mill-imsejjaħ fil-kawża Luigi Grima; bl-ispejjeż kontra l-istess Luigi Grima;

U fis-sens fuq imsemmi irriformat fil-kap ta' l-ispejjeż is-sentenza appellata.